**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA**

**16 ta' SETTEMBRU, 2015**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sur Ignatius Farrugia, Dr Jean Pierre Attard, s-Sinjorina Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D'Amato, s-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻATI**

Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima nfurmat li ma setgħetx tattendi għax tinsab imsiefra **Dok 1 mehmuż.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppreseda s-seduta.

**MINUTI**

**6.1** ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI***

6.1.1 Fir-rigward ta' punt 5.9.1 il-Kunsillier David Abdilla nforma lill-Kunsill li mar jara l-każ ta' Triq Dun Mikiel D'Amato u ssuġġerixxa li jew is-sistema tat-traffiku tinqaleb jew isiru 'gates' ġodda fil-ġnien.
Wara diskussjoni, kien hemm qbil li s-sistema tat-traffiku tibqa dik li hi u li Triq Frangisk Zahra ssir 'one way' ukoll b'direzzjoni opposta ta' dik ta' Triq Dun Mikiel D'Amato, sabiex it-traffiku jkun ċċirkulat. Kien hemm qbil ukoll li jinġabru stimi ta' 'gates' għal ġnien il-Bennej mingħand M Quip u mingħand il-Kuntrattur Mallia.

6.1.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq ir-rapport li kien tħejja mill-Viċi Sindku Rita Grima fuq għotja ta' fondi biex jintużaw għal aktar aċċessibilita'.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-rapport jinvolvi xogħol ta' ranep f'bankini biex ikunu aktar aċċessibbli u f'ranep li jkunu jistgħu jitneħħew meta ma jkunux utilizzati minn żewġ familji partikolari li għandhom membri tal-familja bi bżonnijiet speċjali. Dawn jinsabu fi Triq Carmelo Caruana u fi Triq il-Mitħna.

6.1.3 Ġew approvati l-minuti tal-ħames seduta.

***6.2 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA U SOTTO KUMITATI/ KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ***

6.2.1 Ġew approvati l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra numri 16.

6.2.2 Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Ambjent, indafa pubblika u drittijiet tal-annimali u tal-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

***6.3 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR/ GAL XLOKK***

6.3.1 Il-minuti tal-imsemmija laqgħat, sal-lum kienu għadhom ma waslux.

***6.4 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU***

6.4.1 Il-Kunsillier Joseph D'Amato talab lis-Sindku biex jiskużah mis-seduta peress li kellu appuntament familjari, imma qabel talab ħin biex jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova li tintalab stima lill-Perit William Lewis ta' xogħol ta' wiċċ ġdid tas-service road ta' Vjal il-Blue Grotto u ta' Triq it-Telgħa tal-Mitħna tal-Qaret, ta' Triq il-Mitħna u tat-triq tal-ġenb ta' Ġnien il-Ġibjun. Hu qal li dawn it-toroq huma kollha fi stat diżastruż u jekk il-Kunsill ikollu stima tax-xogħol, ikun jista jippjana kif ser jiffinanzjhom biex isiru f'din il-leġislatura.

Kien hemm qbil unanimu li tintalab l-istima.

6.4.2 Is-Sindku qal li l-attivita' għall-anzjani, tas-17 ta' Awwissu, 2015, kienet suċċess u rringrazzja lil-Viċi

Sindku tal-attendenza tagħha. Is-Sindku stieden lill-kunsilliera kollha biex f'attivita' oħra jattendi kulħadd.

6.4.3 Is-Sindku qal li f'seduti preċedenti kien talab lill-Kunsill biex japprova żewġ *yellow bays* quddiem residenti li kellhom nuqqas ta' saħħa. Hu qal li kieku dawn ma kienux imressqa u approvati, kien iħoss nuqqas, għax persuna li saritilha din il-*parking bay*, mietet din il-ġimgħa u filfatt illum stess, il-*yellow bay* tħassret u reġgħet saret bajda kif kienet.

6.4.2 Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali ħarġu applikazzjonijiet taħt l-iskema Inizjattivi kulturali (Memo22) biex jagħtu għajnuna finanzjarja għal attivitajiet għall-Milied. Hu żied jgħid li ġie avviċinat mis-Sindku ta' Ħal Safi s-Sur Johan Mula, biex tittella' attivita' waħda konġunta, fl-akwati tal-Mitħna tax-Xarolla.

Kien hemm qbil li ssir din l-attivita' li ser tkun kompletament finanzjata minn din l-iskema.

F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'leġislazzjonijiet preċedenti, il-Kunsill bl-għajnuna tas-sotto kumitat kultura kien jorganizza atttivita' fil-Milied bil-parteċipazzjoni tal-Orkestra tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ftit tal-jiem ilu hu u s-Sindku, rċevew ittra mingħand wieħed mis-Surmastrijiet tal-orkestra – Dr Keith Sacco, fejn ressaq ir-reżenja tiegħu mill-Orkestra minħabba li ser ikompli l-istudju tiegħu għal tul ta' żmien barra minn Malta. **Dok 2 Mehmuż.**

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat ittra ta' ringrazzjament u awguri lil Dr Keith Sacco u lill-missieru Dr Raymond Sacco (li rreżenja ukoll mis-Sotto Kumitat Kultura) tal-kontribut li taw kemm fis-Sotto Kumitat u kemm fl-Orkestra tal-Kunsill. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li f'dan il-punt l-Orkestra tinsab f'sitwazzjoni ta' prekarja minħabba li qed tibbaża fuq surmast wieħed u minħabba li fl-aħħar jiem kien hemm xi mużiċisti urtati fuq dak li intqal waqt il-festa ta' Santa Katarina VM. Hu qal li dan il-punt ser ikun diskuss waqt laqgħa tas-Sotto Kumitat.

Il-Kunsillier Joseph D'Amato stieden lis-Sindku Ignatius Farrugia u lill-Kunsillier David Abdilla, inkarigat mill-Ġemellaġġi biex ifasslu mawra b'residenti

Zrieraq, għal Borgo Maggiore, u jekk din tirnexxi tiġi mistiedna l-orkestra tal-Kunsill biex tesebixxi kunċert waqt il-mawra.

6.4.3 F'dan il-punt is-Sindku Ignatius Farrugia ssuġġerixxa biex il-Kunsill joħroġ stqarrija stampa fil-Kunsill News li jmiss biex jagħti risposta fuq l-għajdut u l-insinwazzjoni li saru waqt il-festa ta' Santa Katarina VM.
Is-Sindku qara paragrafu li fassal u wara li ġie diskuss, kien hemm qbil fuq tibdil żgħir u li jiġi inkluż fil-Kunsill News li jmiss u jkun iffirmat mill-kunsilliera kollha.

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ma qablitx li l-istqarrija stampa tkun inkluża fil-Kunsill News, imma li ssir fuq il-paġna ta' face book.

Kien hemm qbil li l-istqarrija tiġi ppubblikata fil-Kunsill News u wara li jibda jitqassam, l-istess stqarrija tkun inkluża fil-paġna ta' Facebook ukoll.

F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (ħin 18:50)

6.4.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu stedina minn Morphou – (Belt ġemellata mal-Kunsill taż-Żurrieq) għall-attivita' li ssir kull sena biex jiġi imfakkar l-*anti occupation* mit-Torok. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera li min irid jista jattendi. Minħabba li ma kien hemm ħadd interessat, is-Sindku aċċetta li jmur hu. L-ispejjeż tal-passaġġ u akkomodazzjoni huma kollha mħallsa minn Morphou.

6.4.5 Il-Kunsillier David Abdilla ressaq stedina oħra li l-Kunsill għandu mill-International Association of Peace Messenger Cities li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq hu membru tagħha. Din is-sena l-Annual General Assembly ser tkun fuq it-tema 'Migration and human rights' u ser issir bejn it-28 ta' Ottubru u il-31 ta' Ottubru.
Kien hemm qbil li għal din is-sena ukoll ikun il-Kunsillier David Abdilla li jirrappreżenta lill-Kunsill f'din l-assemblea. L-ispejjeż ser ikunu madwar 250Euro tal-flight biss.

Il-Kunsillier Dino Bonnici talab lil dawk li ser jirrappreżentaw lill-Kunsill taż-Żurrieq f'attivitajiet barra minn Malta, jagħmlu rapport dettaljat ta' dak li jkun seħħ.

6.4.6 Is-Sindku qal li fi Triq il-Wied (viċin il-picnic area) hemm ħajt tas-sejjieħ qed jaqa'. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna tal-Ministeru għall-agrikultura fuq dan ix-xogħol.

***6.5 Fondazzjoni 175 – kienu preżenti membri tal-fondazzjoni. Mehmuż l-istatut DOK 3***

6.5.1 Is-Sindku laqa u rringrazzja lis-Sur Francis Farrugia u lis-Sur Joseph Buhagiar u stedinhom jgħatu dettalji fuq l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li ser issir fl-entratura taż-Żurrieq.

Is-Sur Joseph Buhagiar tkellem f'isem il-Fondazzjoni 175 u qal li f'kull anniversarju jsir avveniment jew tifkira u għalhekk twaqqfet il-Fondazzjoni 175, biex f'għeluq il-175 sena tal-preżenza tal-istatwa artistika tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq, issir statwa tal-Madonna tal-Karmnu.

Is-Sur Joseph Buhagiar qal li ma kinetx l-intenzjoni tal-Fondazzjoni 175, li taqbeż lill-Kunsill biex iġġib permessi minn Awtoritajiet oħra, imma ċ-ċirkostanzi tal-każ ġagħlu lill-Fondazzjoni timxi kif imxiet. Hu qal li jaf li l-Kunsill kellu pressjoni kbira fuq dan il-każ u ħass li ġaladarba l-Fondazzjoni 175 kellha dritt li tagħmel statwa kommemorattiva fl-entratura taż-Żurrieq, kellha timxi mod ieħor.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard staqsa lill-membri preżenti, għalfejn kienu qed jgħidu li ma kellhomx triq oħra ħlief li jaqbżu lill-Kunsill.
Is-Sur Joseph Buhagiar reġgħa qal li għamlu hekk minħabba l-pressjoni li kienet qed issir fuq il-Kunsill u wara li l-Kunsill fil-leġislatura preċedenti, kien avviċinat imma ħareġ minnha.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li hu kien kunsillier fil-leġislatura preċedenti u nforma lill-dawk preżenti li l-Kunsill meta kien avviċinat biex jinġib permess għal statwa f'Misraħ Mattia Preti, iddiskutiha u kien qed jara kif ser isiru l-iżviluppi, imma fl-ebda punt ma kien hemm diżgwiet fuq l-istatwa jew li ħareġ mis-sitwazzjoni kif qed ikun allegat mill-Fondazzjoni 175.

Il-Kunsillier David Abdilla qal li ħassu urtat li l-Fondazzjoni 175 kienet avviċinat lill-Kunsill li l-istatwa kellha ssir f'Misraħ Mattia Preti u f'attivita' pubblika

kulħadd ġie nfurmat li l-istatwa ser issir fl-entratura taż-Żurrieq, mingħajr ma l-Kunsill ġie nfurmat bil-bidla. Hu żied jgħid li l-Kunsill għandu dritt ikun jaf b'kull ma jsir u jiġi pproponut li jsir fiż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li s-sitwazzjoni li l-Fondazzjoni 175 ġabet lill-Kunsill Lokali fiha, ser toħloq preċedent lejn sitwazzjonijiet oħra li jistgħu jinħolqu minn fondazzjonijiet/għaqdiet oħra fil-futur. Hu żied jgħid li l-Fondazzjoni 175 poġġiet lill-Kunsill f'pużizzjoni kerha ħafna.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li ħassu urtat li l-Kunsill kien infurmat b'dan il-każ waqt attivita' pubblika, meta kulħadd jaf kemm l-affarijiet tal-festi fiż-Żurrieq huma delikati. Hu żied jgħid li l-Kunsill dejjem qed jiġi akkużat b'affarijiet li lanqas biss ikun infurmat u involut fihom.

Is-Sur Joseph Buhagiar skuża ruħu f'isem il-Fondazzjoni 175, minħabba n-nuqqas tal-Fondazzjoni li ma infurmatx lill-Kunsill Lokali qabel ma xxandret waqt il-festa u żied jgħid li qatt ma kienet l-intenzjoni tal-Fondazzjoni li tonqos mir-rispett lejn l-ebda membru tal-Kunsill Lokali.

Is-Sur Francis Farrugia qal li l-permessi kienu f'idejn il-Fondazzjoni dik il-ġimgħa stess tal-festa.

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hu dejjem jisħaq li kull każ li jseħħ fiż-Żurrieq għandu l-ewwel ikun deċiż bl-approvazzjoni tal-Kunsill u dan il-każ ħoloq preċedent għal każijiet li fil-futur jistgħu jinħolqu.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ġibed l-attenzjoni tal-Fondazzjoni 175, li hu kien kunsillier fil-leġislatura preċedenti ukoll u qal li hu jassigura lil kulħadd li qatt ma kien hemm xi pressjoni li qed issemmi l-Fondazzjoni, lejn il-Kunsill fuq dan il-każ. Il-Kunsillier David Abidlla kkonferma dan.

Is-Sindku rringrazzja lill-membri tal-Fondazzjoni 175, filwaqt li dawn ħarġu mis-seduta.

6.5.2 Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa lill-Kunsill:

- x'deċiżjoni ser tittieħed mill-Kunsill jekk fil-futur ikun hemm talbiet simili minn għaqdiet/persuni oħra?;
- x'ser tkun id-deċiżjoni tal-Kunsill jekk għaqdiet/persuni oħra jaqbżu lill-Kunsill u jieħdu

permess minn entita oħra għal xi proġett u l-Kunsill isir jaf waqt il-proċess tal-applikazzjoni?;

- x'deċiżjoni ser jieħu l-Kunsill jekk talbiet simili jitressqu biex jiddeċidihom il-Kunsill?

Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li ġaladarba inħolqot din is-sitwazzjoni, hu jiddikjara li mhux ser jidħol f'deċiżjonijiet ta' talbiet simili fil-lokalita', kemm-il darba ma jiġux għand il-Kunsill. Dan qed jagħmlu kontra l-istess twemmin tiegħu, imma jħoss li jrid ikun parzjali mas-Soċjetajiet l-oħrajn kollha. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qabel mal-Kunsillier Dino Bonnici u qal li ħa jkun qed jieħu l-istess atteġjament.

Il-Kunsillier Jean Pierre Attard qal li hu mhux ser ikun qed jieħu vot jew jesprimi opinjoni fuq talbiet oħra minn għaqdiet oħra, għax jekk jagħmel dan, ser ikun partiġjan.

Ġie nnutat li biex inbidel il-post tal-istatwa minn Misraħ Mattia Preti għall-entratura taż-Żurrieq ma kienx hemm applikazzjoni ġdida lill-MEPA imma DNO. In-numru hu DN 00948/15.

Il-Kunsillier David Abdilla talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob linja gwida mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq applikazzjonijiet u deċiżjonijiet ta' din ix-xorta.

Is-Sindku Ignatius Farrugia qal li f'dan il-mument ma jistax jgħid x'ser jgħamel fuq talbiet simili, imma ser jieħu deċiżjoni fuq il-każ jekk u meta jitqajjem.

### *6.6 Festa Ħut*

6.6.1 Is-Sindku nforma li Festa Ħut li jmiss ser issir fit-18 ta' Ottubru, 2015 u li għaliha d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ser jagħti s-somma ta' 5,000Euro. Hu żied jgħid li din l-attivita' għandha terġa tkun suċċess kif kienet fis-snin preċedenti.

Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier Pierre Farrugia tal-għajnuna li dejjem jagħti fl-attivitajiet tal-Kunsill u li dejjem mexa id f'id miegħu fl-organizzazjonijiet. Hu stieden lill-kunsilliera l-oħra biex jagħtu s-sehem tagħhom ukoll. Stieden lil kull min irid jattendi għal-laqgħa li ser issir nhar it-Tlieta fl-uffiċċju tal-Kunsill biex ikunu mfassla l-posti ta' dawk li ser jarmaw. Għal din il-laqgħa ġew mistiedna l-għaqdiet kollha tar-raħal.
F'dan il-punt is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-membru tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra – s-Sur Kevin Sam Farrugia biex jattendi għal din il-laqgħa, minħabba li fi snin preċedenti kien wieħed milli ta

għajnuna kbira f'Festa Ħut u minħabba li għadu involut fil-KAB. Kien hemm qbil fuq dan.

Is-Sindku qal li fir-rigward tal-publiċita' tal-attivita' diġa ilu jaħdem u għal din is-sena l-billboard ilu li twaħħal xhur biex jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku li jgħaddi miż-Żurrieq.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona li jiġi mistieden d-Dipartiment tas-Saħħa biex iġib l-istand tat-tisjier bilgħaqal kif sar f'postijiet oħra. Is-Sindku qal li diġa tkellem magħhom u dawn ser ikunu f'Festa Ħut ukoll.

Il-Kunsillier Dino Bonnici ppropona ukoll li jintalab permess biex tinfetaħ id-dar tal-keru (fejn jgħix l-Arċipriet). Ma kienx hemm qbil fuq dan.

Ġie ppropunut ukoll li Green Pak ikollha l-istand tagħha.

## 6.7 *Kuntratt – Hortocultural Works at Public Gardens and Upkeep and Maintenance of Soft Areas*

6.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li nhar il- 20 ta' Awwissu, 2015 saret laqgħa mitluba minn Wastecollection Ltd, fejn fiha kien hemm preżenti rappreżentanti tal-Kumpanija, l-avukat tal-kumpanija, s-Sindku, l-Kunsillier David Abdilla, l-contract manager tal-Kunsill Carmelo Azzopardi, l-avukat tal-Kunsill u hi. Wara li l-Contract manager elenka numri ta' ilmenti li ż-Żurrieq qed jaffaċja minn mindu bdiet ix-xogħol il-Kumpanija Waste Collection Ltd, l-imsemmija kumpanija talbet biex ikun hemm ftehim mal-Kunsill biex jiġi tterminat il-kuntratt mingħajr ma jittieħdu passi ulterjuri lejn il-kumpanija u li l-Kunsill iwaqqa d-default notices li agħmel u ma jżommx il-performance guarantee. Il-Kumpanija Wastecollection Ltd għandha l-ħsieb li tkompli tagħti s-servizz tagħha sakemm il-Kunsill jevalwa tender ġdida u jagħti kuntratt ġdid.
**Dok 4 mehmuż.**

Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux itawwal il-proċess ma' din il-Kumpanija u għandu joħroġ sejħa ġdida. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li qed taħdem fuq din it-tender li din id-darba trid toħroġ bil-kriterji tal-Green Public Procurement.

F'dan il-ħin daħal fis-seduta l-Kunsillier Kenneth Farrugia (ħin 19:45)

*6.8* *Gabbani tal-Festi*

6.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li tkellmet mal-avukat tal-Kunsill fejn talbet linji gwida fuq il-proċess li l-Kunsill ser jimxi fuqu fir-rigward tal-gabbani tal-festi għas-sena d-dieħla.

L-avukat qed jaħdem fuqha u nforma li 'minn riċerki preliminari li għamel ma jidhirx li hemm xi restrizzjoni loegali fuq il-Kunsill li jżomm milli jagħmel regolamenti ġodda għall-posti tal-festa. Il-permess li jinħareġ kull sena jkun ristrett għall-ġranet tal-festa tant li umbgħat jiskadi. Il-bejjiegħa jridu japplikaw mill-ġdid kull sena u għadaqstant ma huwiex astomatiku li jinħarġilhom il-permess'.

Xi kunsilliera ssuġġerew li lill-bejjiegħa żrieraq jekk dejjem il-Kunsill ikun jista legalment, il-Kunsill jagħtihom prijorita'. Dan il-punt ser ikun diskuss ukoll mal-avukat.

Dan il-punt ser jerġa jiġi diskuss f'seduta oħra kif il-Kunsill ikollu f'idejh aktar informazzjoni.

F'dan il-punt il-Kunsillier Jean Pierre Attard ħareġ mis-seduta ( ħin 19:50)

*6.9* ***Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi***

6.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill (kif kienet diġa għarfithom permezz ta' email) li s-sidt ta' La Gatta Boutique qed tilmenta li dieħel ilma fil-*basemen*t tal-ħanut tagħha u qed tallega li dan ġej mill-funtana li hemm f'Misraħ Mattia Preti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi bagħtet l-ilment lis-Sanita, WSC u s-sezzjoni tad-drenaġġ u lid-dipartiment tal-Edukazzjoni(minħabba li l-iskola hi aktar viċin mill-funtana), biex jinvestigaw il-każ u ħadd ma sar jaf minn fejn ġej l-ilma.

Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob rapport bil-miktub mill-persuni li nvestigaw il-każ.

F'dan il-ħin il-Kunsillier David Abdilla ħareġ mis-seduta (ħin 20:00)

6.9.2 Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li Ħal Millieri qed jinżamm fi stat tajjeb, imma jeħtieġ li l-Kunsill jagħmel tabelli li jindikaw li hemm CCTV. Kien hemm qbil li jiġu ordnati.

6.9.3 Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa għal liema raġuni fi triq maġemb l-iskola primarja hemm *yellow box* mingħajr permess. Is-Sindku qal li dik għamilha minħabba persuna bi bżonnijiet speċjali li tattendi l-iskola. Aktar informazzjoni ser jgħatiha f'seduta oħra.

6.9.4 Il-Kunsillier Pierre Farrugia talab biex il-Kunsill jġib permess minn Transport Malta biex it-taxi stand li hemm f'Misraħ Mattia Preti titneħħa ħalli jkun hemm post għall-vettura oħra.

6.9.5 Il-Kunsillier Dino Bonnici talab li jsiru *barriers* fi Vjal ix-Xarolla fuq kull naħa fil-bidu tat-triq minn Valletta Road.

Is-Sindku qal li dan il-punt kien diġa tqajjem f'seduti oħra u ma kienx hemm qbil minħabba li l-bankina u l-akwata huma wiesgħa biżżejjed.

F'dan il-punt il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia staqsiet fuq il-*barrier* li hemm fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku infurmha li dik saret fuq qbil mill-Kunsill preċedenti għax il-vetturi l-kbar li jgħaddu minn hemm bla permess kienu qed jolqdu l-faċċati tar-residenti.

6.9.6 Il-Kunsillier Dino Bonnici talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex isir *printing* ta' ittra li ż-Żurrieq FC tixtieq tibgħat lir-residenti kollha taż-Żurrieq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li dik tkun forma ta' donazzjoni li l-Kunsill ma jistax jagħmel.

Kien hemm qbil li l-*printing* ma jsirx imma l-ittra kkonċernata titqassam mal-Kunsill News li jmiss jekk tkun lesta sa dak iż-żmien li jitqassam.

6.9.7 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia talab lill-Kunsill biex:

- jikteb ittra lil-ħwienet kollha ta' Triq Filippu Farrugia biex ma joħorġux skart wara l-ħin li

- jinġabar. Hu wera ritratti ta' kaxxi li qed iħallu dawn il-ħwienet.
- Jikteb ittra lill-ħanut tal-ħaxix li hemm fi Triq San Bartilmew għax qed joħroġ l-iskart wara li jkun inġabar mit-triq.
- Jikteb ittra lill-resident partikolari fi Triq Wied Babu għax għandu l-pjanti tal-parapett tant ħarġu 'l barra li qed jostakolaw il-bankina.

Kien hemm qbil fuq dan.

6.9.8 Il-Kunsillier Kenneth Farrugia nforma lill-Kunsill li ser ikollu laqgħa tas-Sotto Kumitat fejn għaliha stieden ukoll lill-Kunsillier Pierre Farrugia, fejn ser ikunu diskussi l-*eco wardens*. L-informazzjoni jgħaddiha lill-Kunsill f'seduta oħra.

L-ewwel postijiet li ser jipproponi ser ikunu Vjal l-Indipendenza.

6.9.9 Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li kellha ilment minn residenti ta' Triq Zakkarija Ronkali li minn meta saret it-triq qed jidħlilhom l-ilma fil-basement.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet aktar informazzjoni biex tkun tista tikteb lill-Transport Malta fuq il-każ, minħabba li t-triq saret minnhom.

6.9.10 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tistaqsi lill-perit jekk jeżistix li tip ta' kimika li ssir fuq it-tarmak biex ma jiżloqx, minħabba li daħlulu lmenti li Triq Wied Babu k/m Triq il-Kanġu ġiet tiżloq wisq.

6.9.11 Is-Sindku staqsa lil-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia fuq l-attivita edukattiva li kellha issir fil-11 ta' Settembru, 2015. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia, infurmat li minħabba li kien hemm persuna waħda biss interessata f'dan il-programm, din il-persuna ntbagħtet l-ETC għat-taħriġ.

## *6.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*

6.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 5** għall-ammont totali ta' **€36,286.75.**

Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet

iffirmata mis-Sindku Ignatius Farrugia u mill-Kunsilliera Pierre Farrugia u Dino Bonnici.

### *6.11 DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*

6.11.1 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fit-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21ta' Ottubru, 2015 fis-6.00ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ______ ta' Ottubru, 2015.

Ignatius Farrugia
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**